MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1057/2003

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Emerenziana Agius sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Emerenziana Agius**

**vs**

**Bjorn Mintoff**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma tas-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u disgha centezmi (Lm252.09), dovuti mill-konvenut bhala danni u spejjez inkorsi mill-atturi in segwitu ghal incident awtomobilistiku li sehh fi Triq Nazzjonali, Hamrun, Blata l-Bajda nhar it-26 ta' Awissu 2001 bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni DBF 158 proprjeta ta' Emerenziana Agius assikurata mas-socjeta attrici, u l-vettura numru ta' registrazzjoni BJN 180,

misjuqa mill-konvenut, liema incident gara unikament tort ta’ l-imperizja, negligenza u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali interpellatorja u ta’ l-ittra ufficjali kontestwalment opprezentata ma’ l-avviz a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas li jidher, kemm fis-seduta tad-19 ta’ Settembru, 2003, meta gew pprezentati l-kapitoli, kif ukoll illum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li ra l-artikolu 13(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u disgha centezmi (Lm252.09), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’ l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandhom jigu ssopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------